MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2014

Avviz Numru. 204/2014

**Sterling Car-Rentals Limited (C9362)**

**vs**

**Roger Attard**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici li gie pprezentat nhar it-18 ta' Gunju 2014 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha l-ammont ta' sebat elef,

mija u erba’ ewro u sebgha u disghin centezmi (€7,104.97) rapprezentanti prezz ta’ kiri ta’ vetturi u kif ukoll citazzjonijiet tat-traffiku mahruga waqt illi l-vetturi kienu mikrija lilu.

Bl-ispejjez, inkluzi tal-prezenti u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-fattura u jew citazzjonijiet sad-data tal-pagament effettiv. Il-konvenut huwa minn issa ingunt in subizzjoni.

Rat illi l-konvenut kien debitament notifikat skond riferta pozittiva tal-Marixxall John Francica datata 2 ta’ Ottubru 2014 fejn thalliet kopja tal-avviz fl-indirizz tal-konvenut kif moghti fir-rikors promotur tas-socjeta’ attrici, fil-Kunsill Lokali ta’ San Gwann kif ukoll fl-Ghassa tal-Pulizija ta’ San Gwann (fol. 8 tergo).

Rat illi l-konvenut gie wkoll notifikat bir-rikors promotur permezz ta’ publikazzjoni fil-gazzetta tal-Gvern nhar il-21 ta’ Ottubru 2014 (fol 7) u fil-gazzetta lokali L-Orizzont nhar id-29 ta’ Novembru 2014 (fol 12).

Rat illi fis-seduta tat-3 ta’ Dicembru 2014 il-konvenut gie msejjah izda ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici.

Rat illi fis-seduta tal-10 ta’ Dicembru 2014 il-konvenut ma deherx sabiex jikkontesta t-talba attrici.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici jghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sebat elef, mija u erba' ewro u sebgha u disghin centezmi (€7,104.97) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors.**

**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti mid-data tal-prezentata tar-rikors promotur a karigu tal-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------